

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Medjazzjoni](#) > [Medjazzjoni Fil-pajjiżi Tal-UE](#) > [Luxembourg](#)

Medjazzjoni fil-pajjiżi tal-UE

Il-kontenut ipprovdut minn
Lussemburgu

Lussemburgu

Minflok tmur il-qorti, għaliex ma tippruvax issolvi t-tilwima tiegħek permezz tal-medjazzjoni? Din hija forma ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim (ADR), fejn medjatur jgħin lil dawk involuti f'tilwima biex jilħqu ftehim. Il-gvern u l-ġuristi tal-Lussemburgu huma konxji mill-vantaġġi tal-medjazzjoni.

Lil min għandi nikkuntattja?

M'hemm l-ebda entità ċentrali responsabbli mir-regolamentazzjoni tal-medjaturi.

Minbarra l-medjazzjoni f'setturi speċifiċi (banek, assigurazzjoni, eċċ.) u minbarra l-Ombudsman li huwa responsabbli għall-medjazzjoni fil-materji amministrattivi u l-Ombudskomitee fir t'Rechter vun de Kanner (Kumitat tal-Ombudsman għad-Drittijiet tat-Tfal), l-assoċjazzjonijiet ġudizzjarji li ġejjin huma involuti fil-medjazzjoni:

- [I-Assoċjazzjoni Lussemburġiża tal-Medjazzjoni u tal-Medjaturi Approvati](#) (*Association luxembourgeoise de la médiation et des médiateurs agréés* - ALMA asbl);
- [iċ-Ċentru tal-Medjazzjoni Ċivili u Kummerċjali](#) (*Centre de médiation civile et commerciale* - CMCC);
- [iċ-Ċentru tal-Medjazzjoni](#) (*Centre de médiation*) (asbl);
- [iċ-Ċentru tal-Medjazzjoni tal-Protezzjoni Soċjali tal-Familja](#) (*Centre de médiation Socio-Familiale*, immexxi mill-Fondazzjoni Pro Familia).

F'liema oqsma hija ammissibbli u/jew l-aktar komuni l-medjazzjoni?

Il-medjazzjoni hija ammissibbli l-aktar:

- f'kawżi amministrattivi;
- f'kawżi kriminali;
- f'kawżi tal-familja;
- f'kawżi kummerċjali; u
- fit-tilwim bejn il-ġirien.

Il-medjazzjoni ċivili u kummerċjali hija proċess kunsenswali u kunfidenzjali mmexxi minn medjatur indipendenti, imparzjali u kompetenti. Tista' tkun relatata mat-tilwima kollha jew ma' parti minnha. Hija tinkludi kemm il-medjazzjoni bi ftehim kif ukoll il-medjazzjoni ordnata mill-qorti, u l-medjazzjoni tal-familja għandha rwol importanti.

Fil-medjazzjoni bi ftehim (*médiation conventionnelle*), parti jew oħra tista' tissuġġerixxi lill-parti(jiet) l-oħrajn biex iressqu l-kwistjoni għall-medjazzjoni fi kwalunkwe stadju tal-proċedimenti ġudizzjarji, irrispettivament minn kwalunkwe proċedura ġudizzjarja jew ta' arbitraġġ, sakemm ma jkunx intemm l-istadju tat-trattazzjoni.

Fil-medjazzjoni ordnata mill-qorti (*médiation en justice* jew *médiation judiciaire*), tilwima ċivili, kummerċjali jew tal-familja tkun diġà tressqet quddiem qorti; il-qorti tista' fi kwalunkwe ħin tirreferi l-kawża għall-medjazzjoni, sakemm ma jkunx intemm l-istadju tat-trattazzjoni. Dan ma japplikax għal kawżi quddiem il-Qorti tal-Kassazzjoni

jew għal proċedimenti għal miżuri provviżorji. Il-qorti tista' titlob lill-partijiet imorru għall-medjazzjoni fuq inizjattiva tagħha stess, jew fuq it-talba konġunta tal-partijiet infushom. Fi kwalunkwe każ, huwa meħtieġ il-kunsens tal-partijiet. Il-qorti tista' tipproponi miżura ta' medjazzjoni lill-partijiet f'għadd limitat ta' kawżi definiti b'mod ċar li jqajmu punt tad-dritt tal-familja. Imbagħad hija torganizza laqgħa ta' informazzjoni mingħajr ħlas sabiex tispjega l-prinċipji, il-proċedura u l-effetti tal-medjazzjoni lill-partijiet.

F'kawżi kriminali il-Prosekutur tal-Istat jista', taħt ċerti kundizzjonijiet, u qabel ma jieħu deċiżjoni dwar l-azzjoni pubblika, jiddeċiedi li juża l-medjazzjoni jekk din aktarx:

- tipprovdi kumpens lill-vittma; jew
- issolvi d-diffikultajiet li jkun ħoloq ir-reat; jew
- tikkontribwixxi għar-riabilitazzjoni tal-awtur tar-reat.

L-użu tal-medjazzjoni ma jeskludix deċiżjoni sussegwenti li jitmexxew proċeduri bil-qorti, pereżempju jekk ikun hemm ksur tat-termini tal-medjazzjoni.

Hemm xi regoli speċifiċi li jridu jiġu segwiti?

Il-medjazzjoni hija kompletament volontarja.

Il-medjazzjoni f'materji amministrattivi, il-medjazzjoni fil-kawżi kriminali u l-medjazzjoni f'setturi partikolari huma kollha rregolati minn leġiżlazzjoni speċifika.

Informazzjoni u taħriġ

Il-medjatur f'materji kriminali

L-Att tas-6 ta' Meju 1999 u r-Regolament tal-Gran Dukat tal-31 ta' Meju 1999 introduċew is-sistema tal-medjazzjoni f'materji kriminali. Qabel ma jiddeċiedi jekk jiħux azzjoni kriminali, il-Prosekutur Pubbliku jista' jiddeċiedi li juża l-medjazzjoni jekk iqis li din aktarx tiżgura kumpens lill-vittma, issolvi d-diffikultajiet li jkun ħoloq ir-reat jew tikkontribwixxi għar-riabilitazzjoni tal-awtur tar-reat. Jekk il-Prosekutur Pubbliku jiddeċiedi li juża l-medjazzjoni, huwa jista' jaħtar bħala medjatur kwalunkwe persuna approvata għal dak l-iskop.

Approvazzjoni:

Kull min jixtieq li jiġi approvat bħala medjatur f'materji kriminali jista' jagħmel talba lill-Ministru għall-Ġustizzja, li jiddeċiedi dwar l-approvazzjoni wara li jikkonsulta lill-Prosekutur Ġenerali tal-Istat.

Il-medjatur f'materji ċivili u kummerċjali

L-Att tal-24 ta' Frar 2012 ħoloq qafas leġiżlattiv nazzjonali għall-medjazzjoni f'materji ċivili u kriminali billi żied titolu ġdid fil-Kodiċi l-Ġdid tal-Proċedura Ċivili. L-Att jitrassponi d-Direttiva 2008/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Meju 2008 dwar ċerti aspetti ta' medjazzjoni f'materji ċivili u kummerċjali. L-Att jadotta l-prinċipji stabbiliti fid-Direttiva għat-tilwim transfruntier u japplikahom għat-tilwim nazzjonali wkoll. Dan l-Att huwa ssupplimentat bir-Regolament tal-Gran Dukat tal-25 ta' Ġunju 2012 li jistabbilixxi l-proċedura ta' approvazzjoni tal-medjaturi għall-finijiet ta' medjazzjoni ordnata mill-qorti u ta' medjazzjoni tal-familja, il-programm ta' taħriġ speċifiku fil-medjazzjoni u l-organizzazzjoni ta' laqgħa ta' informazzjoni mingħajr ħlas.

Il-medjatur huwa terza persuna li l-kompitu tagħha huwa li tisma' lill-partijiet flimkien, jew jekk ikun hemm bżonn separatament, bl-għan li ssolvi t-tilwima tagħhom. Il-medjatur ma jimponix soluzzjoni fuq il-partijiet, iżda jħeġġiġhom jaslu għal ftehim bonarju dwar it-tilwima.

Medjatur li jipprovdi servizzi ta' medjazzjoni ordnata mill-qorti jew tal-familja jista' jkun approvat jew mhux approvat. Medjatur approvat huwa persuna fiżika akkreditata għal dan ir-rwol mill-Ministru għall-Ġustizzja.

Fil-medjazzjoni bi ftehim u f'tilwim transfruntier il-partijiet jistgħu jużaw medjatur li ma ġiex approvat.

Approvazzjoni:

Il-Ministru għall-Ġustizzja huwa responsabbli mill-approvazzjoni tal-medjaturi. F'materji ċivili u kummerċjali l-medjaturi ma jeftiġux l-approvazzjoni sabiex jipprovdu medjazzjoni bi ftehim.

Kwalunkwe persuna fiżika tista' tapplika għall-approvazzjoni jekk hija tissodisfa l-kundizzjonijiet (1) stabbiliti mill-Att tal-24 ta' Frar 2012 li jinkorpora l-medjazzjoni f'materji ċivili u kummerċjali fil-Kodiċi l-Ġdid tal-Proċedura Ċivili u (2) stabbiliti fir-Regolament tal-Gran Dukat tal-25 ta' Ġunju 2012 li jstabbilixxi l-proċedura ta' approvazzjoni tal-medjaturi għall-finijiet ta' medjazzjoni ordnata mill-qorti u medjazzjoni tal-familja, il-programm ta' taħriġ speċifiku fil-medjazzjoni u l-organizzazzjoni ta' laqgħa ta' informazzjoni mingħajr ħlas.

Skont id-Direttiva 2008/52/KE msemmija iktar 'il fuq u t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 1251-3(1) tal-Att tal-24 ta' Frar 2012 dwar il-medjazzjoni, il-fornituri tas-servizzi tal-medjazzjoni li jissodisfaw rekwiżiti ekwivalenti jew essenzjalment komparabbli fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea m'għandhomx għalfejn iġibu l-approvazzjoni mill-Gran Dukat tal-Lussemburgu.

L-approvazzjoni tingħata għal perjodu indeterminat.

L-Artikolu 1251-3(2) tal-Kodiċi l-Ġdid tal-Proċedura Ċivili u r-Regolament tal-Gran Dukat tal-25 ta' Ġunju 2012 imsemmija iktar 'il fuq jstabbilixxi l-kundizzjonijiet li l-persuni fiżiċi kollha jridu jissodisfaw sabiex jiksbu l-approvazzjoni:

1. iridu jippreżentaw garanzija ta' reputazzjoni tajba, ta' kompetenza, taħriġ, indipendenza u imparzjalità;
2. iridu jippreżentaw estratt mir-reġistri tal-pulizija tal-Lussemburgu jew dokument simili maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti fil-pajjiż fejn kienu jgħixu fl-aħħar ħames snin;
3. iridu jgawdu d-drittijiet ċivili u jkunu intitolati jeżerċitaw drittijiet politiċi; u
4. iridu jkunu ħadu taħriġ speċifiku fil-medjazzjoni fil-forma ta':
 - lawrja ta' Master fil-medjazzjoni mogħtija mill-Università tal-Lussemburgu jew minn università, istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja jew stabbiliment ieħor li joffri l-istess livell ta' taħriġ, indikat skont il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea; jew
 - tliet snin esperjenza professjonali ssupplimentati b'taħriġ speċifiku fil-medjazzjoni, kif stipulat fl-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Gran Dukat tal-25 ta' Ġunju 2012; jew
 - taħriġ fil-medjazzjoni rikonoxxut minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.

L-Università tal-Lussemburgu toffri [programm ta' taħriġ speċifiku \(lawrja ta' Master\) fil-medjazzjoni](#).

X'inhuma l-ispejjeż tal-medjazzjoni?

Spiss il-medjazzjoni tkun mingħajr ħlas. Jekk jintalab ħlas, dan jiġi indikat b'mod ċar.

Fil-każ ta' medjazzjoni bi ftehim, it-tariffi tal-medjaturi jiġu ffixxati liberament. It-tariffi u l-ispejjeż jinqasmu indaqs bejn il-partijiet, sakemm ma jiftehmux mod ieħor.

Fil-każ ta' medjazzjoni ordnata mill-qorti u medjazzjoni tal-familja, it-tariffi jiġu ffixxati b'regolament tal-Gran Dukat.

Huwa possibbli li jiġi eżegwit ftehim li jirriżulta mill-medjazzjoni?

Il-ftehimiet li jirriżultaw mill-medjazzjoni ċivili u kummerċjali għandhom l-istess valur probatorju ta' deċiżjoni tal-qorti. Irrispettivament minn jekk tali ftehimiet ta' medjazzjoni jkunux saru fil-Lussemburgu jew fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea, huma eżegwibbli fl-Unjoni Ewropea skont id-Direttiva 2008/52/KE. L-approvazzjoni tal-ftehim kollu jew ta' parti minnu mill-qorti kompetenti tagħtih l-eżegwibilità.

Id-Direttiva hija trasposta mill-Att tal-24 ta' Frar 2012, li jpoġġi l-medjazzjoni fuq l-istess livell tal-proċeduri ġudizzjarji eżistenti.

Floq relatati

[Il-Ministeru għall-Ġustizzja](#)

[L-Assoċjazzjoni Lussemburġiża tal-Medjazzjoni u tal-Medjaturi Approvati \(ALMA asbl\)](#)

Iċ-Ċentru tal-Medjazzjoni Ċivili u Kummerċjali (CMCC)

Iċ-Ċentru tal-Medjazzjoni Ċivili u Kummerċjali (CMCC asbl)

Iċ-Ċentru tal-Medjazzjoni (asbl)

Iċ-Ċentru tal-Medjazzjoni tal-Protezzjoni Soċjali tal-Familja

■ L-aħħar aġġornament: 05/08/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.